FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 22 ta' April , 2002

**Avviz Nru:1566/01 PM**

**Gasan Mamo Insurance Agency Ltd. et noe**

**Vs**

**Louis Ellul**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' erba' mija u tmien Liri maltin u tletin centezmu (LM408.30) rapprezentanti danni li sofra John Falzon ghas-socjeta' attrici f' incident tat-traffiku fejn qal li l-konvenut Louis Ellul kien unikament responsabbli;

Ra li lk-konvenut ipprezenta r-risposta fej qal li l-istess incident kien sehh unikament b' negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur;

Ra is-seduta datata 24 ta' Jannar 2002 fejn deher DR. Louis Bianchi ghas-socjeta' attrici. Il-kawza giet differita ghall-4 ta' Marzu, 2002 ghal provi kollha tal-partijiet.

Ra li f' l-4 ta' Marzu, 2002 xehdu John Falzon, P.S. Jimmy Muscat, Luois Ellul u Therese Ellul;

Ra l-skizz ta' l-istess incident u r-road accident report immarkat JA1;

Ra l-istess seduta mizmuma fl-4 ta' Marzu, 2002 fejn xehed Louis Ellul li kien isuq il-vettura DAT 379 fit-Triq Papa Piju tnax. Louis Ellul qal li qabel il-habta kien ipparkjat ftit il-fuq minn fejn grat il-habta izda wara iddecieda li jirriversja biex jipparkja fuq ix-xellug tat-triq il-Fuhhar. Louis Vella qal li meta kien qed jirriversja bil-mod hu u jhares fill-front right hass daqqa minn wara. Il-konvenut cahad kategorigament li kien hemm vann fuq ix-xellug minn fejn hareg is-Subaru. Louis Elul Ma qabilx

mal-iskizz ghax jahseb li qieghed impingi lura wisq u naqra l-barra;

Ra l-istess seduta fejn xehed John Falzon fejn qal li kien isuq il-vetura ABH 432 fi triq il-Fuhhar. John Falzon qal li waqqaf meta gie ghall-inkrocju u kien hemm vann fuq ix-xellug tieghu meta karozza ohra irriversjat ghal fuqu. John Falzon qal li kien hareg ghan-nofs it-triq minhabba l-vann li kellu fuq ix-xellug izda wara l-habta il-vann telaq u ma ha l-ebda dettalji tieghu;

Ra li skond ir-rapport tal-Pulizija l-konvenut kien qed jirriversja meta l-karozza assigurata mad-ditta attrici giet wrong side u saret il-habta.

.

L-assigurat tas-socjeta' attrici qal li waqaf fl-intersection u waqt li kien  wieqaf l-konvenut irirversja ghal fuqu.

Illi l-konvenut kellu l-obbligu li jara x'hemm warajh qabel jirriversja u waqt li qieghed jirriversja. Mix-xhieda tieghu jidher li l-konvenut naqas li jzomm "a proper look out";

It-Tribunal jahmel riferenza ghal kawza Fogg Limited vs Jesmond Vella deciza mil-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru, 2001 (Citaz.2131/95 GCD) fejn gie ddikjarat:

“hi zbaljata l-affermazzjoni ta’ l-appellanti illi l-fatt biss illi sewwieq ikun qieghed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq, kien prova konkluziva tal-htija tieghu ghas-sinistru. Il-principju ormai stabbilit fill-gurisprudenza hu proprju l-kontra. L-utent tat-triq seta’ jutilizza t-triq kollha sakemm dan ma kienx jikkostitwixxi perikolu ghall-utenti l-ohra ta’ dik ilt-triq, u dan sakemm dak is-sewqan ikun prudenti, mehtieg u suggerit fic-cirkostanzi. Ir-regola kellha tkun illi d-driver izomm fuq in-naha tieghu tat-triq, pero’ kien hemm cirkostanzi fejn dan ma kienx determinanti biex tigi stabbilita r-reponsabilita’ ghas-sinistru. Il-Qorti ghalhekk tikkonsidra l-elementi kollha li kkontribwew ghalih fid-dawl tar-regolamenti li kienu jiggvernaw is-sewqan tad-drivers involuti f’dak il-mument . Kellha allura tiddetermina x’ kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu.”

Jirrizulta li l-incident gara ghaliex il-konvenut kien jirrivesja minghajr ma jzomm “a proper outlook”. Ghalhekk ghandu jigi mizmum responsabbli ghall-incident.

Ghaldaqstant jichjad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjes u bl-imghax minn notifika tal-ittra ufficjali datata 11 ta’ Settembru,2000.

**Dr.Philip Manduca LLD.**

**Gudikatur**